MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 42/2010

**Tuning Fork Limited**

**Vs**

**Malta Fairs & Conventions Centre Limited**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz prezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tnax (12) ta’ Frar 2010, permezz ta’ liema s-socjeta attrici talbet prevja kull dikjarazzjoni opportuna fi zmien qasir u perentorju li hekk ordnat minn din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma t’ erbat elef sebgha mija w ghoxrin euro (EURO 4720) rapprezentanti prezz ta’ xoghol professjonali ‘n konnessjoni ma MFCC Exhibitors Manual, liema xoghol gie provdut lilha mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghha stess.

B’rizerva ghal kull procedura ulterjuri spettanti lis-socjeta rikorrenti u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta ntimata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Illi fis-seduta tas-sittax (16) ta’ Marzu 2010 deher l-avukat difensur tas-socjeta attrici li ammetta t-talbiet attrici f’isem is-socjeta konvenuta w informa lill-Qorti li l-patrocinat tieghu sejjer jaffettwa il-pagament dovut.

**Il-Qorti ghalhekk, fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta stess, qieghda ghalhekk tilqa t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma t’erbat elef sebgha mija w ghoxrin euro (EURO 4720) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------